Kunsill Lokali L-GĦASRI Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 47**

It-Tlieta 18 ta' April 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Benjamin Zammit - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 email: ghasri.lc@gov.mt www.ghasri.com

## Minuti 18 ta' April 2023

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

### 47.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

47.1.01 Benjamin Zammit, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ informa lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' messaġġ li ma setax jattendi.

### 47.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-46.

47.2.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

### 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

47.3.01 Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar stedina għall-programm "Hekk Naħsiba Jien" fuq Radju Malta 1. Din l-istedina hija għas-Sindki. Id-diskussjonijiet ikunu suġġetti leġġeri lil hin mill-politika.

47.3.02 Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali dwar SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Irid jiġi kkonfermat jekk il-binja hux proprjetà tal-Kunsill, mikrija jew devoluta. Il-propjetá fejn jinsab l-uffiċċju tal-Kunsill u l-librerija hija propjetá tal-Kunsill.

47.3.03 Ċirkulari Numru 9/2023 - Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' *Focal Persons*. Fil-Kunsilli din il-persuna huwa s-Segretarju Eżekuttiv.

47.3.04 Emejl mingħand William Sultana (uffiċjal għall-immaniġġjar tal-Proġetti) dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Wied Sara. Hu talab risposta għall-emejl li ntbagħtet fil-21 ta' Marzu mill-Kunsill. Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li hu tkellem mal-kuntrattur u ġie nformat li x-xogħol għandu jkompli fil-ġimgħat li ġejjin.

47.3.05 Emejl mingħand Yosef Magro (GAGF Manager – Gozo Action Group Foundation) dwar il-proġett *European Smart Villages Observatory Meeting in Austria*. Il-Kunsilliera huma mistednien biex japplikaw biex jattendu din il-laqgħa.

**47.3.06** Invit biex nieħdu sehem fl-iskema tar-Reġjun Għawdex – Żvilupp u titjib ta' Latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu *re-furbished* il-latrini iżda mhux bis-sistemma awtomatiċi kif indikat fuq l-iskema SPI/SCI/10/2022. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-ewwel irid issir rapport minn perit dwar x'hemm bżonn li jsir u wara toħroġ offerta għal dan it-tip ta' xogħol.

**47.3.07** Ċirkulari Numru 6/2023 Kjarifika rigward permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.

**47.3.08** Invit għall-*Stakeholders Briefing Gozo*. Din il-laqgħa ser titratta t-tħejjija għal-programm t'attivtajiet u inizjattivi marbuta mal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali u mat-30 sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**47.3.09** Kuntratt dwar "Electric Pedal Cycles" mingħand ir-Reġjun Għawdex. Is-Sindku talab li jkun hemm kuntratt bejn il-Kunsill u l-"User' tar-roti u dan għandu jsir minn avukat sabiex titneħħa r-responsabbilità minn fuq il-Kunsill.

**47.3.10** Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali (local government) dwar ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Lokali jew Reġjonali.

**47.3.11** Ċirkulari AKL 2023/026 *European Cities Against Drugs ECAD Mayor's & Stakeholders Conference and Welcome Dinner*.

**47.3.12** Ċirkulari Numru SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. L-applikazzjonijiet jgħalqu fit-28 ta' Lulju 2023. Il-Kunsill għandu japplika sabiex jiġu nstallati 'CCTV" fl-entraturi kollha tal-Għasri.

**47.3.13** Ċirkulari Numru SPI/SCI/05/2023 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. L-applikazzjonijiet jgħalqu fl-4 ta' April 2025.

**47.3.14** Ċirkulari Numru 7/2023 Fondi Ewropej: Linji gwidi lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għal assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja u fondi Internazzjonali oħra.

**47.3.15** Ċirkulari Numru 8/2023 Ristrutturar u *re-branding* tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**47.3.16** Emejl mingħand Ramona Portelli *Local Government Division* dwar "IT Assistance – Regional and Local Councils"

**47.3.17** Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li avviċinaha resident tat-Triq Ġdida fi Triq Dun Karm Caruana u ssuġġerixxa li ssir laqgħa mar-residenti konċernati sabiex jiġi kkarifikat id-diżgwid li hemm fuq din il-parti tat-triq. Il-Kunsilliera qablu li ssir laqgħa. Peress li hemm residenti msefrin din il-laqgħa se ssir aktar 'l quddiem.

47.3.18 Il-Kunsill irċieva d-deċiżjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar PA/04883/20 li ġie approvat. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jappella min din id-deċiżjoni.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

47.4.01 Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff informat lill-Kunsill li rċeviet talba sabiex titranġa triq bil-konkos. Hi spjegat fejn hi t-triq. Kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jagħmel ix-xogħol meħtieġ sabiex jitneħħa kull periklu.

47.4.02 Il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff staqsa x'ġara mill-proġett tal-Pjazza. Is-segretarja nformat lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva kont mingħand dawn il-kuntratturi. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa pubblika fejn jiġu ppreżentati l-ideat ta' dawn il-kuntratturi biex naraw ir-residenti tal-Għasri x'jaħsbu. Is-Segretarja għandha tinforma lil dawn il-kuntratturi biex jippreżentaw ideat oħrajn flimkien ma dik li diġa ġiet ippreżentata lill-Kunsill (ikun hemm oħrajn mingħajr il-bżonn li tingħalaq parti mill-pjazza). Dawn l-ideat jiġu ppreżenatati lill-poplu. Il-Kunsill għandu jgħaddi l-pagamenti mitlub minnhom waqt din il-preżentazzjoni.

47.4.03 Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace staqsa jekk il-bozza fi Triq Wied Sara li kienet ġiet nieqsa fil-maltemp ġietx installata mill-ġdid. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li din suppost ġiet installata mill-ġdid din il-ġimgħa.

47.4.04 Il-Kunsillier Sammy Saliba talab biex jinqata l-ħaxix fi Triq il-Fanal (il-parti fejn m'hemmx bini) u fi Triq Wied il-Qattus. Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li r-rampa fi Triq il-Wilġa għandha bżonn issir mill-ġdid u jkun fiha taraġ. Il-Kuntrattur tal-Kunsill ġie nkarigat biex jagħmel dan ix-xogħol.

47.4.05 Il-Kunsillier Sammy Saliba wera t-tħassib minħabba li mhux ha jkun hawn Segretarju Eżekuttiv fix-xhur li ġejjin u hemm il-festa. Is-Sindku qal li l-affarijiet tas-soltu għandhom isiru u l-Kunsill irid jieħu nkonsiderazzjoni l-għoli tal-ħajja u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel dak kollu li għamel fil-passat anke jekk l-ammont ta' flus li joħroġ mill-Kunsill ikun iżjed. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

## 47.5 Diskussjoni dwar permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar ma' residenti;

47.5.01 Attendew għall-laqgħa żewġ residenti minn Triq il-Knisja. Huma wrew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar l-iżvilupp eċċessiv li qed isir fit-Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega l-pożizzjoni tal-Kunsill hu li l-Kunsill joġġezzjona fuq applikazzjonijiet li jkunu ODZ (outside development zone). Il-Kunsill qed jagħmel ħiltu kollha biex ma jkunx hemm aktar żvilupp fl-inħawi li huma ODZ. Ir-residenti qalu li huma kkonċernati dwar l-ammont ta' żvilupp li qed isir u d-densita' tal-iżvilupp. Qalu minn dar waħda ħa jinbnew 16 il-appartament. Dan iġib problemi kbar fuq il-parkeġġ, sistemmi tad-drenaġġ, ilma, eċċ.

## 47.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

47.6.01 Is-Segretarjru Eżekuttiv informat lill-Kunsill li hi aċċettat kariga ġdida mar-Reġjun Għawdex u għalhekk hemm bżonn li l-Kunsill jinkariga Deputat Segretarju. Fil-passat il-Kunsill kien ħatar Deputat Segretarju minn kunsill ieħor (Lucienne Haber) u dan l-istess persuna aċċetta li jkompli b'din il-kariga temporanja. Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir laqgħa ma din il-persuna biex naraw kif tista taħdem matul iż-żmien li ma jkunx hawn Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-ħatra ta' Lucienne Haber sa kemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li ħatra tagħha mar-Reġjun tkun back dated u għalhekk hi diġa hija maħtura mar-Reġjun iżda għamlet arranġamenti sabiex tkompli x-xahar ta' April fl-Għasri.

Is-sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard tax-xogħol tagħha f'dawn l-aħħar sitt snin. Hu qal li saru ħafna proġetti, ħafna attivitajiet, il-finanzi huma fi stat tajjeb u l-ħaddiema qed jaħdmu u dan grazzi tax-xogħol siewi tas-Segretarja.

## 47.7 Xogħlijiet Kapitali;

47.7.01 Ħitan tas-Sejjieħ: Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-Kuntrattur bagħat kuntratt iffirmat bl-emejl iżda għadu ma ppreżentax il-garanzija tal-bank. Dan beda x-xogħol mingħajr ma avża lill-Kunsill li ħa jibda. Is-Segretarja qalet li fuq dan ix-xogħol m'għandniex perit. Is-Sindku qal biex insibu perit li jaqdina malajr. Il-Kuntratt oriġinali għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill.

47.7.02 Ġnien Kenn tas-Salvatur: Filwaqt li x-xogħol il-kbir huwa lest għad fadal aktar affarijiet li għandhom bżonn isiru. Il-Viċi sindku semma xi affarijiet bħal: Tabella bl-isem tal-ġnien u regolamenti għal minn jidħol fil-ġnien; bankijiet u *litter bins* u xatba. Inġibdet l-attenzjoni li għad fadal xogħol fuq in-naħa ta' barra tal-ġnien li jrid issir mill-kuntrattur. Il-kuntrattur tal-*play equipment* u tapiti bagħat il-kont u fih inkluda spejjeż addizzjonali minħabba d-dewmin (kera) u għoli tal-ħajja. Is-Segretarja għandha tara l-kuntratt jinkludiex dawn il-multi. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li hemm bżonn li s-*soft area* tiġi rranġata.

47.7.03 Triq Wied Sara. Kif diġa ndikat fil-minuti, l-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur informah li ser jibda x-xogħol fi żmien qasir.

## 47.8 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli'

47.8.01 Il-Kunsill ġie avżat li l-Onorevoli Segretarju Parlamentari

Alison Zerafa Ċivelli se żżur l-uffiċċju tal-Kunsill nhar

il-

Ġimgħa 21 ta' April fl-10 ta' filgħodu. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li hu mhux ħa jkun disponibbli.

### 47.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**47.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-47 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta'din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

### 47.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**47.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-9.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' April fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, nhar il-Ġimgħa 26 ta'Mejju 2023.

Dr Daniel Attard
Sindku

Deputat Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv

Lucienne Heber.